MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 919/2002/1

**Gemma Fenech**

**Vs**

**Carmelo Bonello et.**

It-Tribunal,

Ra l-avviz ta' l-attrici li talbet lit-Tribunal jordna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' elf tlett mija u disghin lira Maltin (Lm1390), rapprezentanti danni sofferti minnha konsistenti fi hsarat ikkagunati mill-konvenuti u xoghlijiet ta' manutenzjoni li naqsu li jaghmlu fil-fond Unico P. numru 40, Triq Censu Bugeja, Iklin, liema fond kien mikri lill-konvenuti u liema hsarat zviluppaw waqt li l-fond kien fil-pussess taghhom.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi

i) huma kienu jirrisjedu b'titolu ta' kera fil-fond li jismu Unico P. numru 40, Triq Censu Bugeja, Iklin. Din il-kirja giet itterminata bi ftehim reciproku bejn il-partijiet u minghajr ebda problema fl-ahhar ta' Awissu.

ii) huma dejjem adempjaw ruhhom ghal dawk li huma d-dmirijet u obbligi taghhom ai termini tal-ligijiet li jirregolaw l-kera.

iii) skond il-ligi tal-kera, certi xogholijiet u spejjes rappresentanti ukoll xogholijiet ta' natura strutturali ghandom isiru a karigu ta' min huwa s-sid il-post mikri u dan ai termini tal-Artikolu 1540 (2) tal-Kodici Civili ta' Malta.

iv) l-allegati hsarat ma gewx dovuti jew kkagunati b'ghemil posittiv u/jew negattiv tal-konvenuti u/jew il-familja taghhom, izda minn fatturi esterjuri fosthom.:

a) minn tibdiliet strutturali konsiderevoli maghmula mill-familjari ta'l-istess sinjura Gemma Fenech, liema tibdiliet saru fil-proprjeta adjacenti mal-post fuq imsemmi.
b) Kif ukoll minn difetti latenti illi jinstabu fl-istruttura ta' l-istess bini.

Ghaldaqstant, il-konvenuti qed jitolbu lit-Tribunal jiddeciedi li huma mhumiex resposabbli la sabiex jirrangaw u lanqas sabiex ihallsu ghall-allegati hsarat li invece suppost kellhom jigu rrangati mis-sid tal-post; bl-ispejjes u l-imghaxijiet.

Ra d-dokumenti esebiti

Ra x-xhieda ta' l-attrici Gemma Fenech li hija l-proprjetarja tal-fond Unico P. numru 40, Triq Censu Bugeja, Iklin. Tispjega illi r-ragel taghha kien ta il-fond in kwistjoni lill-konventi l-ewwel b'cens li imbaghad gie konvertit ghal kera wara erbatax-il sena. B'kollox damu fih xi tletin sena u kienu huma li okkupaw il-fond l-ewwel darba.

L-attrici tistqarr illi l-fond kien jintuza bhala residenza tal-familja u sakemm hargu minn hemm kemm hi kif ukoll ir-ragel, li miet fit-28 ta' Marzu, 1994, qatt ma dahlu fil-post sakemm ghaddew ic-cavetta. Ic-cavetta il-konvenuti kienu tawha lir-ragel tat-tifla tal-attrici u dana f'nofs ta' triq. Meta dahlu fil-post tispjega illi sabu s-soffitti u meta qalawhom sabu hsara fis-soqfa. Is-soffitti kienu jinstabu fil-kamra ta' barra, fil-kcina u fil-kamra tal-banju.

L-attrici tkompli tghid li l-post kellu l-bejt tieghu.

Qabdet perit li taha certifikat tal-hsarat li kien hemm u qabdet nies biex inehhu is-soffitt u jaghmlu x-xogholijiet mehtiega u dawn kienu Bettu Spiteri, Kevin Newell u Gaston Micallef.

In kontro-ezami, l-attrici tghid li hi qed titlob sitt mitt lira (Lm600) bhala flus li diga' hallset kif ukoll seba mija ohra mehtiega sabiex isir saqaf iehor u sabiex ilesti x-xoghol ir-ragel tat-tifla taghha.

Tghid ukoll li s-soffitti kienu mxarrbin ghasra ghaliex kienet messithom b'idejha u kienet ukoll rathom meta nizzluhom. Gabet anki wiehed sabiex inehhilha conduit tal-dawl elettriku li ukoll kien imxarrab. Il-conduit tnehha mill-haddiema flimkien mas-soffitt tal-kamra l-kbira, filwaqt li s-soffitti kollha tnehhew mir-ragel tat-tifla.

L-attrici tkompli tispjega li hi m'ghamlitx kuntatt mal-konvenuti malli ikkonstatat l-istat prekarju tal-fond ghaliex ma kienitx taf fejn kienu marru joqghodu. Meta saret taf, pero', ma kienitx ikkomunikat maghhom..

Dwar is-soqfa, tispjega li ghall-ewwel il-perit kien qalilha li kellhom bzonn ibiddlu wiehed minnhom ghaliex kien dahal l-ilma, izda mbaghad kien hu stess li ssugerixxa li ghandhom jinbidlu s-soqfa l-ohra.

Dejjem in kontro-ezami, l-attrici tikkonferma li t-tifla taghha kienet toqghod fit-terran, taht il-mezzanin fejn kienu joqghodu l-konvenuti u tikkonferma ukoll illi kienet ghamlet

xi xogholijiet fil-post taghha, izda ma setghetx tiftakar. Il-perit pero', kien qal li dawn ix-xogholijiet ma kellhomx jaffettwaw il-post ta' fuq.

Tghid li l-perit kien mar fil-fond tlett darbiet u ghall-ewwel kien ikkonstata roqgha imtebba u sussegwentement talab biex jitnehhew is-soffitti u hemm dehret il-hsara kollha.

L-attrici tkompli tghid li l-flus li kienet qed titlob kien tax-xoghol li kien sar. Pero', tikkonferma li x-xogholijiet saru wara li bdiet il-kawza sakemm tnehha s-soffitt. Imbaghad kien ha kollox f'idejh ir-ragel tat-tifla.

Ra x-xhieda ta' Josephine Pace, bint l-attrici li tispjega li hi kienet dahlet fil-fond in kwistjoni qabel ma nkera lill-konvenuti u sussegwentement kienet dahlet biss ma' ommha u ohtha meta l-fond gie f'idejhom. Tghid li meta dahlu sabu l-post bil-konkos fl-art, bicciet mwaqqa' u ix-xibka tidher ukoll. Meta qalghu s-soffitti sabu li kien hemm aktar hsara.

Kien hawn li qabdu nies biex iwaqqghu s-saqaf u kien gie l-perit xi darbtejn.

In kontro-ezami, ix-xhud tghid li kienet rat il-hsara fil-kamra tal-gallerija u ta warajha. Fl-ohrajn kien hemm is-soffitt u ghalhekk ma setghetx tara. F'dawk li rat il-hsara fil-bidu ma kienx hemm soffitti. Meta tnehhew is-soffitti imbaghad kien hawn li rat il-hsara, soqfa mxarrbin. Is-soqfa tal-kamra tal-gallerija kienu nbiddlu, u l-kamra ta' warajha. Il-kumplament tax-xoghol thalla f'idejn ir-ragel t'ohtha Joe Fenech,

Ix-xhud ighid ukoll illi meta qalghu s-soffitti sabu ammont kbir ta' boldijiet . Kienu tnehew mija u tnejn u tlettin vit mis-saqaf tas-soffitt ta' kamra wahda.

Ix-xhud tkompli tispjega illi huma lanqas biss kienu jafu li l-konvenuti kienu ser jitilqu. Lanqas biss hallew “forwarding address,” u kellhom jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom sabiex isiru jafu fejn kienu qed joqoghdu. Kien hawn li imbaghad marru ghand avukat .

Ra x-xhieda tal-Perit Mario Balzan li kkonferma l-kontenut tac-certifikat tieghu (Dok.A a fo.20 tal-process). Jispjega li kien gie inkarigat mill-attrici u mar fil-fond in kwistjoni fejn ra xi soqfa li kienu hziena u skond hu, minhabba infiltrazzjoni tal-ilma.

Jikkonferma li tela' fuq il-bejt ukoll, izda ma kienx jiftakar f'liema stat kien.

Ra x-xhieda ta' Kevin Newall li jahdem fix-xoghol ta' kostruzzjoni u jikkonferma li kien gie inkarigat mill-attrici sabiex jaghmel xi xoghol fil-fond in kwistjoni.

Jispjega li peress li kien involut hafna xoghol huwa kien inkariga tnejn minn nies ohra sabiex jghinuh. L-ewwel li kienu ghamlu hu li nehhew is-soffitt u kienu ikkonstataw li hemm skular ta' ilma go fih. Mhux kollu kien imxarrab, izda setghu jaraw li x-xibka kienet tidher u minn dak il-hin dahhlu l-perit sabiex jiccertifika jekk is-saqaf kienx tali li jirrikjedi li jigi kkundannat jew le.

Ix-xhud jispjega illi s-soffitt kien mqabbad mas-saqaf billi kien hemm kurrenti "straight", b'viti kbar. Spazju kien hemm qisu daqs kurrent u dawn kienu twal bejn hames u sitt pulzieri. Biex jaqla' dawn il-viti, li kienu twal, ix-xhud ighid li f'certi bnadi kellu juza l-forza u l-lieva, izda bnadi ohra ma kellux ghalfejn. Jispjega ukoll li mal-viti inqala' xi konkos ukoll.

Ix-xhud ighid li tela' fuq il-bejt biex jara minn fejn kien diehel l-ilma. Ighid li setgha jikkonstata li l-bejt kien jithalleb normalment, izda kien hemm ix-xibka mifqugha. Meta ezamina l-kontrabejt, ma kienx hemm madum u allura l-fili ma setghux jinkixfu. Il-kontrabejt kien normali.

Ix-xhud jispjega li x-xoghol ta' kostruzzjoni sar fuq l-istruzzjonjiet tal-perit. Waqqghu s-saqaf u bnew iehor minflok. Il-kont kien xi tmien mitt lira (Lm800) u thallsu sitt mitt lira (LM600), minghajr Vat u dan kien bix-xoghol u materjal inkluz. S'issa ma harigx rcevuta ta' dan ix-xoghol.

Is-sitt mitt lira (Lm600) huma a saldu tal-pretensjonijiet tieghu.

Ix-xhud ighid li s-soffitt malajr inqala'. Hafna mill-viti kienu msaddin u ma setghux jaqilghuhom.

Ix-xhud jispjega illi kienu bdew ix-xogholijiet xi sitt xhur wara li kien ghamel l-istima.

Ra x-xhieda ta' Joseph Fenech li huwa r-ragel tat-tifla tal-attrici li jikkonferma li kien ghamel xi xogholijiet fil-post in kwistjoni tal-kunjata u cioe' fis-saqaf, fil-kontrabejt u fid-dawl. Jispjega li ghamel it-T- beams, x-xibka tal-art u kontrabejt tal-maduma u dan dejjem taht l-istruzzjonijiet tal-perit.

Ix-xhud jispjega li ghad fadal li jsir il-kisi tas-soqfa u t-tibjid. Bhala spejjes jispjega illi nefaq mitejn u hamsin (Lm250) konkos, bejn erbghin u hamsin lira xibka, kif ukoll hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) T-beams. Dan ix-xoghol ilu ghaddej bih ghal dawn l-ahhar tlett snin.

Ix-xhud jghid li l-perit kien il-Perit Joseph Montesin, li kien habib tieghu u ghalhekk kien ighidlu x'ghandu jaghmel, izda l-perit qatt ma kien mar fuq il-post. Bhala T-beams, jispjega li l-kuntrattur li kien hemm qabel kien gab xi T-beams, izda mhux kollha kienu tajbin u gab ohrajn hu. Il-hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550)  jinkludu dak li xtara u t-tpacija ma dawk li gew ritornati u sostitwiti.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jgid li kienu hadu l-post b'cens fid-29 ta' Dicembru, 1972 ghal tmintax-il sena u fl-1990 qalbu ghal kera skond il-ligi u damu bil-kera sal-2001. Kemm ic-cens u l-kera kienu jhallsuhom lil Guzeppi Fenech sakemm miet, imbaghad bdew ihallsuhom lit-tifla tieghu.

Il-konvenut jispjega illi r-ragel tal-attrici kien bena dan il-post u darba ried jibni kamra fuq il-bejt u dan Guzeppi kien mar sabiex  jara jekk dan setax isir. Kien qallu biex jaghmel travu tal-konkos biex iserrah is-saqaf fuqu.  Dan Guseppi imbaghad ma regax mar fil-post.

Il-konvenut jkompli jispjega illi s-soffitti kienu saru fil-perjodu tac-cens u ghamilhom sabiex jghatti l-conduit tal-elettriku u b'hekk ghamel is-soffitt tal-injam tip ta' kanizzata. Meta ghamel is-soffitti, l-konvenut jispjega illi ma kienx bena l-kamra fuq il-bejt.

Il-konvenut esebixxa Dokument CB1 li jindika x-xogholijiet li ghamel fil-post.

Il-konvenut jghid ukoll li hu uza spacers li jigu ezatt mas-saqaf u dan sabiex jaqbez il-hxuna tal-conduit, hxuna ta' pulzier.

Soffitti kien hemm tlieta, wahda fil-living room, fil-kcina u fil-kamra tal-banju. Bejn is-saqaf u s-soffitt kien hemm pulzier sabiex tkun tista' tghaddi l-arja bejniethom. Ighid li kien idur il-bejt kull sena kif suppost.

Il-konvenut ighid li hu qatt ma ra xejn fis-soqfa li qalet l-attrici. Ighid ukoll li taqqab bil-high speed drill.

Il-konvenut ikompli jispjega illi peress li kien ighaddi l-kera lil Joe Fenech, ir-ragel ta' bint l-attrici, peress li dan kellu l-garaxx adjacenti mal fond in kwistjoni. Kien dahal mieghu sabiex jaqra' l-meter li kien jinstab wara l-bieb. Hadd ma tela' fuq, hadd ma semma' periti.

Ighid ukoll li dan Joe Fenech kien fetah biex jirranga l-faccata u qala' zewg hitan li jzommu t-travu u ghamel jackijiet biex iserrah. Kien ghamel xi sentejn hekk.

Il-konvenut izid ighid ukoll illi kien hemm konsentura u lis-sidien ma kienx infurmahom.

In kontro-ezami, il-konvenut ighid li kienu huma li zanznu l-post u jghid li ha l-post bis-saqaf imxarrab, izda dan ma nkwietahx ghaliex skond hu s-saqaf ma kellux kontrabejt mill-ewwel. Imbaghad ighid li kien sab il-kontrabejt lest. Ighid li kahhlu minn taht u bajdu. Jghid li huwa technical officer.

Jispjega illi wara ghamel is-soffitti u fejn ma kienx hemm bzonn kahhal u bajjad. Hu jsostni li bis-soffitt is-saqaf ma setax jiddghajjef. Lanqas meta ghamel it-toqob bit-trapan ghal viti tar-ram ma seta' gara dan. Is-saqaf fil-kamra ta' wara fejn kien hemm soffitt ma kienx imxarrab, izda hu jghid li kkurah.

Ighid li ma kienx miss il-bejt, hallieh kif kien originarjament.

Ra x-xhieda tal-konvenuta li tikkonferma li s-soffitti tal-injam kienu ghamluhom huma fiz-zmien tac-cens. Meta ghamlu s-soffitti, tghid li s-soqfa kienu pinna. Tghid li r-ragel taghha kien jiehu hsieb il-manteniment tas-soqfa billi jhallibhom, Meta dahlu tikkonferma li kienu gabu xi hadd sabiex ikahhal il-post qabel ma jaghmlu s-soffitti.

Il-konvenuta tghid li qatt ma raw ilma u lanqas moffa. Tghid li r-ragel kien biss xi kultant jirtokkja s-soffitti u dan sabiex jidhru aktar puliti.

Il-konvenuta tikkoferma li kien hemm darba meta ma hallietx xi zewgt irgiel jidhlu fil-post u dawn kellhom xi konnessjoni ma' kwistjoni ta' successjoni. Izda kienet wahedha u bezghet iddahhal dawn l-irgiel go darha aktar u aktar meta ma kienitx giet avzata.

Ra r-rapport tal-perit tekniku AIC Valerio Schembri li stabilixxa liema soqfa saru, hamsa minn seba', pero' ma setax jidentifika b'ezatezza min ghamel is-soffitti relattivi.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

L-artikolu 1561 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi meta hemm allegazzjoni ta' hsarat ikkagunati b'tort unikament tal-inkwilin, l-oneru ta' prova kuntrarja hija dik tal-inkwilin li ghandu jikkonvinci lil dan it-Tribunal li fil-fatt il-hsarat ma kienux tort tieghu. Il-presunzjoni hija li l-fond ikun inkera fi stat tajjeb sakemm ma jigix deskritt il-kundizzjoni tal-fond u sabiex l-inkwilin

jehel il-htija kollha, jehtieg li l-hsarat ikunu ta' certa' gravita'- ....."***hsara maghmula minnu (i.e. inkwilin), il-ligi tesigi illi l-hsara tkun "hafna," "considerable.". Profs. Joseph Galea vs Salvatore Grech (PA 07.04.1961).***

F'dan il-kuntest, il-gurisprudenza nostrana enunciat illi ***"jekk fil-bidu tal-lokazzjoni ssir deskrizzjoni tal-istat tal-fond, il-kerrej huwa obbligat jikkonsenja l-fond li jkun ircieva, minbarra kwantu ghal dak li jkun inqerred jew tgharraq bi qdumija jew forza magguri, jekk mbaghad ma tkunx saret deskrizzjoni tal-kondizzjoni tal-fond. Fl-assenza ta' prova kuntrarja, il-presunzjoni hi li l-konduttur ikun ircieva l-haga lokata fi stat tajjeb, anki ghal dak li huwa tiswijiet lokatizji, u l-kerrej ghandu jirrispondi ghat-taghrriq u ghall-hsarat li jigru matul id-dgawdija tieghu, meta ma jippruvax li dan it-taghrriq u dawn il-hsarat graw minghajr il-htija tieghu.***

***Minn dan jitnissel ili fin-nuqqas ta' deskrizzjoni tal-istat tal-fond il-konduttur irid jipprova li d-danni li jkunu nstabu fil-haga mikrija fl-ahhar tal-lokazzjoni ma jkunux saru bil-htija tieghu."***

***Emmanuele Mifsud vs Carmela Saliba (PA. 30.01.1957)***

L-attrici gabet provi fis-sens li l-hsarat li kien hemm fil-fond kienu konsegwenza ta' perkolazzjoni tal-ilma, minhabba li s-soqfa kienu taht il-kontrabejt, li ma kellux madum u ghalhekk l-fili ma setghux jidhru. Dan ikkonfermah il-perit Mario Balzan. Il-haddiema li bidlu l-istess soqfa jikkorroboraw dak li ccertifika l-perit, fis-sens li l-hsara kienet giet ikkagunata minhabba li l-bejt ma kienx jigi mhalleb kif suppost, kif ukoll minhabba l-mod kif is-suffitti kienu gew imqabbdin mas-soqfa (fol.30 tal-process).

Gie stabbilit pero', li sabiex jitnehhew dawn is-soffitti, kien hemm bzonn li l-haddiema juzaw lieva, u maghhom inqala' xi konkos, izda madanakollu, dan kollu gie rikjest

minhabba l-istat tal-viti li kienu msaddin. Is-suffitti kienu ukoll mxarrbin f'hafna bnadi.

Huwa minnu li l-attrici ma ppruvax ezattament meta tfaccew dawn il-hsarat, pero', hemm indikazzjoni li malli l-konvenuti hargu mill-post gabet lill-haddiem ta' KGB sabiex jaraw is-soqfa li kienu mtebbghin, u kien hawn li mbaghad kellu jidhol perit, minhabba li sabu li kien hemm hsara fix-xibka. Ix-xhud Newall jikkonferma ukoll li xi sitt xhur wara li saret l-istima kienu bdew ix-xoghol u jammetti li tant kien hemm xoghol xi jsir minhabba l-hsara li kellu jqabbad xi zewg persuni ohra.

Il-perit tekniku Valerio Schembri, fir-rapport tieghu jikkonferma li kien hemm xi soqfa li nbiddlu u jikkonferma li kien hemm hamsa zgur li nbiddlu, pero' ma kienx f'posizzjoni li jghid min mill-haddiema kien ghamel x'hiex.

It-Tribunal jemmen li l-verzjoni tal-attrici hija aktar verosiimili ghal dik tal-konvenuti u dan tenut kont tal-fatt li mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-hsarat kienu gravi, partikolarment meta wiehed iqis li kellhom jergghu jinbnew xi soqfa fil-fond. Il-fond in kwistjoni kien ilu ghand l-konvenuti ghal tlettn sena u ma jirrizultax li f';dan il-perjodu qatt affaccjaw lill-attrici (jew zewgha meta kien ghadu haj) li kien hemm xi problemi li jirrigwardawhom jew lil-fond in kwistjoni.

Il-konvenut ma gabx prova sabiex juri li kien hemm xi difetti latenti fil-bini, u anke jekk kieku kien minnu, hemm hafna fatturi li ma jikkonvincux lit-Tribunal li hekk hu. Il-konvenuti qatt ma dahlu lill-attrici jew lir-ragel taghha gol-post. Telqu hesrem ma' tmiem il-kirja, bla ebda kuntatt. Ma tawx indikazzjoni ta'xi *contact address*. It-Tribunal jistaqsi: ghaliex dawn is-sigrieti u attitudni mal-attrici, meta minn imkien ma gie ppruvat li kien hemm xi relazzjonijiet hziena mal-attrici. Dawn ic-cirkostanzi iwasslu lit-Tribunal jikkonkludi li kien hemm xi haga li l-konvenuti riedu jevitaw.

It-Tribunal ihossu soddisfatt li l-preponderanza tal-provi jindikaw grad gholi ta' probabilita' li s-soqfa spiccaw fl-istat

li gie konstatat minhabba il-problema tal-perkolazzjoni tal-ilma li f'xi zmien bdiet titfacca u li thalliet taggrava. Biex jipprova jsolvi din il-problema, l-konvenut pogga dawn is-soffitti tal-injam li ghamel hu stess u qabbadhom mas-saqaf – mizura li altru milli solviet il-problema.. Il-konvenuta stess tghid li r-ragel taghha kien jiehu hsieb jirtokkja dawn is-soffitti regolarment biex jidhru puliti. It-Tribunal m'ghandux dubbju li dan hu indikattiv li l-konvenut kien konxju li kien hemm problema u li l-kawza, cioe' il-perkolazzjoni tal-ilma kienet ghadha hemm.

Jidher car li l-problema aggravat minhabba li kien hemm infiltrazzjoni tal-ilma fuq perjodu twil taz-zmien, tant li x-xibka kienet mifqugha. Anke jekk kellu jigi emnut il-konvenut, li hu kien jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-bejt regolarment, dan ix-xoghol bil-fors ma kienx qed isir kif suppost jew beda isir meta l-hsara diga kienet fi stat avanzat. Hu x'inhu, jirrizulta li meta inqalghu is-soffitti dawn kienu imxarrba. Ghalhekk jidher ma kienx qed juza dik id-diligenza ta' *bonus paterfamilias*, li tirrikjedi l-ligi f'din l-istanza, tant li wassal ghal dawn il-konsegwenzi.

It-Tribunal ukoll jikkonkludi li anke l-istess xoghol li saru mill-konvenut fis-soffitti ma sarx b'mod diligenti, tant li kkontribwixxa ghal dawn il-hsarat.

L-ewwel konkluzjoni ta' dan it-Tribunal ghalhekk hija li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici fil-proprieta' de quo.

Jibqa' fl-ahharnett jigi stabbilit il-quantum tad-danni rikjest mill-attrici li kif pretiz jammonta ghal elf tlett mija u disghin lira Maltin (Lm1390) u dan skond l-istima mahruga mill-haddiema li ghamlu x-xogholijiet KGB Ltd. Fix-xhieda tieghu Kevin Newall jikkonferma li kienu thallsu sitt mitt lira (Lm600) biss tax-xogholijiet, ghalkemm it-total kien jammonta ghal tmien mitt lira (Lm800), flimkien mal-hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) ghat-tnehhija tas-saqaf u hames liri (Lm 5) tal-perit.. Madanakollu jikkonferma li dan l-ammont kien a saldu tal-pretensjoni tal-attrici.

Jirrizulta imbaghad li kien hemm xi xogholijiet li kompla jaghmel r-ragel ta’ bint l-attur li pero’ ma pprezenta l-ebda ircevuta in sostenn tal-materjal li jghid li xtara. Hu sinifikattiv pero’ li l-istess konvenut jikkonferma li ra din il-persuna tahdem fil-fond in kwistjoni. Minkejja il-fatt li ma gewx prezentati ricevuti, pero’, it-Tribunal huwa soddisfatt li saret il-prova li ix-xogholijiet relativi li l-attrici issostni li ghamel Joe Fenech effettivament saru u saru minnu u ma jistax ikun hemm dubbju li dan ix-xoghol kien jirrikjedi materjal li Fenech ta’ dettalji dwaru u jikkonferma bil-gurament tieghu li xtara. In mankanza ta’ elementi li jistghu talvolta jitfghu dubbju fuq ix-xhieda tieghu, dan it-Tribunal ihoss li l-ammont relattiv huwa sufficjentement pruvat allavolja ma gewx prezentati ricevuti. L-ammont relattiv huwa ta’ tmien mitt lira Maltin (LM 800).

Dan l-ammont flimkien mas-sitt mija u erbghin lira (LM 640) likwidati qabel jammonta ghal elf erba mija u erbghin lira Maltin (LM 1440) li huwa in eccess tal-ammont pretiz mill-attrici fl-avviz li qatt ma tablet revizjoni ta’ dak l-ammont, cioe’ ta’ LM 1390 li ghalhekk huwa l-ammont li dan it-Tribunal ser jillikwida.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici u jikkonferma li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attrici s-somma ta’ elf tlett mija u disghin lira Maltin (LM 1390) somma rapprezentanti hsarat ikkagunati fil-fond, proprjeta’ tal-attrici minhabba negligenza u traskuragni da parti tal-konvenuti bl-imghaxijet relattivi mid-data tal-avviz.
Bl-ispejjes ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------